

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2015 – Perfetti Van Melle Benelux vs UASI – Intercontinental Great Brands (TRIDENT PURE)

(Kawża T-491/13) ⁽¹⁾

[“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark verbali Komunitarja TRIDENT PURE — Trade marks Komunitarji, nazzjonali, internazzjonali u Benelux figurattivi u verbali preċedenti PURE WHITE, mentos PURE FRESH PURE BREATH, PURE, PURE FRESH, mentos PURE FRESH u mentos PURE WHITE — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2016/C 048/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Perfetti Van Melle Benelux BV (Breda, in-Netherlands) (rappreżentanti: P. Perani, G. Ghisletti u F. Braga, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Intercontinental Great Brands LLC (East Hanover, New Jersey, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Haak, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tad-9 ta’ Lulju 2013 (Każ R 06/2012-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Perfetti Van Melle Benelux BV u Kraft Foods Global Brands LLC.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Perfetti Van Melle Benelux BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 344, 23.11.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta’ Diċembru 2015 – Chart vs SEAE

(Kawża T-138/14) ⁽¹⁾

[“*Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Membru tal-persunal lokali assenjat għad-delegazzjoni tal-Unjoni fl-Eġittu — Tmiem tal-kuntratt — Nuqqas tad-delegazzjoni li tipprovdi lill-organu Eġizzjan tas-sigurtà soċjali ċ-ċertifikat ta’ tmiem is-servizz tal-membru tal-persunal u li tirregolarizza ulterjorment is-sitwazzjoni ta’ dan tal-aħħar f’dan ir-rigward — Preskrizzjoni — Dannu kontinwat — Inammissibbiltà parzjali — Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba — Terminu raġonevoli — Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali — Ksur suffiċjentement serju ta’ dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi — Dannu ċert — Rabta kawżali*”]

(2016/C 048/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Randa Chart (Woluwe-Saint-Lambert, il-Belġju) (rappreżentanti: T. Bontinck u A. Guillerme, avukati)

Konvenut: Service européen pour l’action extérieure (SEAE) (rappreżentanti: S. Marquardt u M. Silva, aġenti)